MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48

Il-Ħamis, 29 ta' Diċembru, 2022

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

Clyde Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 48.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

48.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

48.1.2 Il-laqgħa ġiet sospiza peress li kien disussjoni li ma kienetx relata mal-minuti tal-aħħar laqgħa.

48.1.3 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 48.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

48.2.1 Is-Sindku qal li għall-ħarġa tal-anzjani tal-Milied morna tajjeb ħafna u anke l-attivitajiet l-oħra tal-Milied. Huwa ħass li għandu jirrikonoxxa l-ħidma tal-istaff tal-kunsill.

48.2.2 Is-Sindku qal li rigward il-garanzija li inzammet u tinżamm lill-kunttratturi fil-pjazza, għandha tiġi amendata għall-kulħadd fejn jekk jitħalla ħmieġ tal-konstruzzjoni, dan jiġi penalizzat u tinżamm il-garanzija biex ikun jista' jsir it-tindif. Il-Kunsill qabel unanimament.

48.2.3 Is-Sindku issuġerixxa li lil Stephen Piscopo, jingħatalu performance bonus ta' €500.00 fl-aħħar tas-sena bħala rikonoxximent tax-xogħol ta' matul is-sena 2022. Il-Kunsill qabel unanimament.

48.2.4 Is-Sindku qal li l-inizjattiva 'Generators of Hope' irnexxiet tassew għaliex s'issa ser jinbgħatu għoxrin generator l-Ukraina. Is-Sindku kompla jgħid li l-paroċċa ta' San Lawrenz, it-Teatru tal-Opra Aurora u l-Anglican church f'Għawdex għenu wkoll. Huwa fisser li dan kollu qed isir bħala parti mill-inizjattiva Ewropea permezz tal-Parlament Ewropew u radd ħajr lill-Forzi Armti ta' Malta li qed f'kuntatt dirett magħhom biex niżguraw li dawn il-ġenerators jaslu fejn għandhom jaslu.

48.2.5 Is-Sindku qal li l-proġett tal-kontinwazzjoni tal-Ġemellaġġ ma Colle Umberto irnexxa tajjeb ħafna u kellu ħafna kummenti pozittivi dwaru.

48.2.6 Is-Sindku qal li rigward it-tizjin ġdid tal-Milied kellna kummenti tajbin minn ħafna residenti. Huwa radd ħajr lis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali li għenu permezz ta' skema apposta.

## 48.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

48.3.1 Il-viċi sindku Anthony Formosa fakkar fil-b#onn ta maintenance lill-pjazza minnufih. Is-Sindku infurmaħ li qiegħed f'kuntatt mal-kuntrattur sabiex jagħmilha pero għalissa qallu li maqbud f'proġett ieħor.

48.3.2 Il-kunsillier George Camilleri reġa irrimarka li hu mhux jaqbel mal-minuti. Is-SE qaltlu li jekk ma jispeċifikax ezatt fejn hemm il-bżonn li jinbidel mill-minuti tal-laqgħa preċedenti hi ma tistax tagħmel mod ieħor. Hija fakkret ukoll li l-Minuti ġew apporvat mill-bqija tal-membri tal-Kunsill.

## 48.4 L-Iskema tal-Gbir ta' Skart mir-Regjun;

48.4.1 Is-Sindku qal li daħlitilna korrispondenza mir-Reġjun fejn qed jinfurmaw li ser ikun hemm skeda ġdida ta' skart, kif ukoll xi responsabilijiet elenkati mal-istess kuntratt. Is-SE sostniet li kif tgħid l-email, dan hu responsabilita' ta' Contracts Manager, li suppost diġa għandu l-Kunsill. Wara diskussjoni sar qbil li tinħareġ is-sejħa ta' Contracts Manager.

## 48.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

48.5.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 48.6.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

48.6.1 Il-laqgħa intemmet fl-09:30 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 30 ta' Jannar 2023 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv